VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,798, 8 ta' Ġunju, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 169 tal-2017**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) – B. Dance St.(Hons) – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) – B. Dance St. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) – B. Dance St.(Hons) - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva, ippubblikati bħala Avviż Legali 408 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinamenti 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom intervista u/jew *audition* minn bord magħmul minn tal-anqas tliet membri. Huma jkunu meħtieġa wkoll li jissottomettu formola dwar il-kundizzjoni medika tagħhom, u esej ta' 250 kelma dwar iż-żfin performattiv jew fuq ktieb taż-żfin. L-applikanti li ma jkunux jistgħu jattendu personalment għall-intervista u l-*audition* taż-żfin, jistgħu jagħmlu arranġamenti biex jitlesta l-proċess permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi."